## 7 ta' Novembru, 1963

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Antonio Zammit

*versus*

Carmela mart l-istess Antonio Zammit

**Kompetenza — Privilegium fori — Konvenut — Mara residenti Għawdex — Patria potestà — Tfal minorenni — Kustodja ta' — Azzjoni għal**

*Azzjoni għall-kustodja tat-tfal minorenni eżerċitata mill-missier kontra martu hija ta' kompetenza tal-Qrati Għawdxin meta l-konvenuta u t-tfal huma residenti Għawdex, u kienu hekk jirrisjedu qabel ma sseparaw di fatto minn xulxin.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenuta naqset mid-dmir tagħha li tgħammar flimkien ma' uliedha minuri, Josephine, Joan, Anthony, Edward u Raymond ma' żewġha l-attur fid-dar konjugali stabbilita minnu, u illi qed tirrifjuta li tikkonsenja l-imsemmija tfal minuri lil żewġha, u illi l-aġir tal-konvenuta huwa kuntrarju għad-dritt ta' patria potesà tal-attur fuq uliedu minuri, talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni — tiġi kkundannata minn dina l-Qorti tikkonsenjalu t-tfal tiegħu minuri Josephine, Joan, Anthony, Edward u Raymond aħwa Zammit fi żmien qasir u perentorju taħt dawk il-provvedimenti li jogħġobha tagħti l-Qorti. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha qalet

(a) preliminarjament, li dina l-Qorti hija nkompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża billi hija toqgħod Għawdex, u (b) bla preġudizzju tal-premess, ġa teżisti sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti, li biha ġie ordnat li t-tfal indikati fiċ-ċitazzjoni għandhom joqgħodu magħha;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda tal-kontendenti;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet il-provi prodotti kif ukoll it-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mill-verbal tas-sebgħa (7) ta' Novembru, 1963 id-deċiżjoni preżenti għandha tirrigwarda l-eċċezzjoni ta' nkompetenza opposta in linea preliminari mill-konvenuta. Dina l-eċċezzjoni hija bażata fuq ir-residenza tal-konvenuta Għawdex u tinsab fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ndikata fil-marġini bħala "privilegium fori" (art. 768), li kieku ma ġiex mitlub mill-konvenuta li ppreżentat nota tal-eċċezzjonijiet kien jitqies rinunzjat (art. 773) (ibid);

Illi mix-xhieda tal-attur stess jirriżulta li verament il-konvenuta toqgħod Għawdex u għadha qegħda toqgħod fl-istess dar fejn il-kontendenti marru joqgħodu meta żżewġu billi kien hu li telaq u ħa ħwejġu personali, li għamlitlu f'sorra wara l-bieb, meta ġġieldu: del resto l-indirizz tal-konvenuta mogħti mill-attur għan-notifika taċ-ċitazzjoni odjerna huwa f'Għawdex u hi ġiet hemm notifikata. Kontra dana l-fatt però l-attur igħid li la darba bejn il-kontendenti m'hemmx separazzjoni personali (kif hu xehed u ma ġiex kontradett) allura għandha

tgħodd ir-residenza tiegħu stess, bħala r-raġel, li tiddetermina l-Qorti fejn għandha tinstema l-kawża billi l-mara għandha isegwieh fejn imur u la darba hu ġie Malta ftit wara l-ġlieda ma' martu kważi tliet snin ilu, fejn dejjem baqa' u ħadem, neħħi xi viżiti rari u qosra Għawdex, il-Qorti minnu adita hija dika kompetenti, dan ukoll, skond l-attur tgħid il-liġi proċedurali fl-art. 746(d);

Illi l-Qorti ma ssibx li dina s-sottomissjoni tal-attur tista' sseħħ la darba si tratta ta' kawża fejn mara miżżewġa tinsab imħarrka minn żewġha stess, li wkoll jiddikjara fix-xhieda tiegħu li r-residenza li għandu qatt ma kienet adatta biex tilqa' lill-martu u wliedu, kieku din ġiet meta qalilha, u llum iżid igħid l-anqas ma jridha miegħu. Dawna l-fatti juru li, bħala fatt, ir-residenza ġdida tal-attur (fejn hu jistabbilixxi d-dar konjugali) qatt ma setgħet kienet dik tal-konvenuta. Oltre dan, jekk l-attur ma jridhiex miegħu, u hi trid allura toqgħod x'imkien ieħor, ma jistax jippretendi li r-residenza tagħha titqies fejn hi tiegħu billi, b'egħmilu, ikun qed jipprivha fil-fatt minn dina r-residenza. Dan però iżjed qed jingħad bħala argument rikavat miċ-ċirkostanzi odjerni li jiġġustifikaw, biex tgħid hekk, id-dispożizzjoni espressa tal-liġi proċedurali f'dina l-materja, li hija kuntrarja għat-teżi attriċi. Infatti, bħala kwistjoni ta' dritt, hu evidenti li l-liġi tippresumi li r-residenza tal-mara miżżewġa hija dik fejn joqgħod żewġha għall-finijiet ta' dawka l-kawżi fejn il-mara miżżewġa tkun qed tiġi mħarrka bl-assistenza ta' żewġha għax inkapaċi li toqgħod f'kawżi mingħajr din l-assistenza (art. 7 Kod. Ċiv. u 782(6) Kod. Proċ Ċiv.) l-artikolu 746 Proċ. Ċiv. ġa ċitat igħid espressament fil-bidu tiegħu li r-residenza hemm presunta, skond l-inċiżi li jsegwu, tirrigwarda l-partijiet hemm indikati, fosthom dawka inkapaċi (kif ġa ntqal li hu l-mara miżżewġa); imbagħad fl-inċiż (d), li jirrigwarda dina l-mara miżżewġa, isemmi każi meta dik il-presunzjoni ma tapplikax, u jidher li dawna huma l-każi fejn il-mara miżżewġa tista' toqgħod f'kawża

mingħajr l-assistenza ta' żewġha, issa b'dispożizzjoni espressa tal-liġi (art. 784 (d) Proċ. Ċiv.) dina l-inkapaċità tispiċċa wkoll fil-kawżi li l-mara miżżewġa jkollha ma' żewġha u kwindi f'kawżi simili dika l-presunzjoni ma tapplikax iżjed, u hekk wieħed ma jistax joqgħod iżjed fuq dika r-residenza presunta tagħha għall-finijiet tal-kompetenza tal-Qorti li għandha tiġi adita (art. 746) iżda għandu jitqies ir-residenza vera u reali tal-mara miżżewġa stess li tkun qed tiġi ċitata. Għalhekk la darba l-konvenuta dejjem kienet toqgħod Għawdex, u għadha hemm toqgħod (anke ndipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra ta' fatt, partikolari għall-każ preżenti, kif imsemmi) li jmissha ġiet imsejħa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna kostitwita skond l-art. 49 (1) Proċ. Ċivili, u għandu jiġi lilha rikonoxxjut il-benefiċċju li tiġi msejħa quddiem dika l-Qorti la darba hija talbitu meta eċċepiet l-inkompetenza ta' dina l-Qorti, adita mill-attur.

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tagħha sollevata mill-konvenuta — bl-ispejjeż kontra l-attur.